**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001**

**Numru** **27**
**Citaz. Nru.** **2220/96 FDP**

**Jacqueline Xuereb**

**Vs**

**Joseph Pace Bonici Mompalao**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-31 ta' Marzu 1996 waqt li l-istanti kienet issuq car Citroen Visa numru N-9217 f'Tas-Sliema din sfat involuta f'habta mal-car Honda numru J-9109 misjuqa mill-konvenut u garrbet hsarat;

Premess illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan, tramite l-assikuraturi tieghu irid jerfa' parti biss mill-htija;

Premess illi fl-incident l-istanti garrbet hsarat ammontanti ghal erba' mija u ghoxrin lira u erbghin centezmu (Lm420.40);

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofriet l-istanti;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm420.40 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut lilha in linea ta' danni;

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 ta' l-ittra ufficjali u konsult, dawk ta' l-ittra ufficjali tallum lill-assikuraturi tal-konvenut (Middel Sea Insurance Co. Ltd.) ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-esponenti ma jahti xejn ghall-kollizjoni in kwistjoni billi din giet ikkawzata biss b'rizultat ta' l-agir inkonsult ta' l-attrici stess u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-Digriet taghha moghti fis-17 ta' Ottubru 1997 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Joseph Azzopardi bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-Relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 52 *et seq* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-17 ta' Mejju 2000;

Rat il-verbali tas-seduti precedenti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-kollizjoni in kwistjoni grat tas-Sliema f'Dingli Street fil-parti fejn hemm Dingli Circus u fl-affidavit tieghu l-konvenut spjega ic-cirkostanzi tal-kaz u l-manuvri illi taw lok ghall-incident *de quo* u ma hemmx dubju li huwa kien fi stat ta' ansjeta kbira peress li l-mara tieghu li wkoll hija ta' certa eta`, waqt li kienet fil-karozza, qaltlu li kien qed ihossha hazin, u stqarr li "*jien allarmajt ruhi u rriversjajt biex naqbad ix-xellug ta' Dingli Street u mmur lejn Prince Albert Street, il-mara kien ghadha ma harigtx mill-karozza. X'hin wasalt biex nohrog lejn ix-xellug u wasalt fuq is-side tieghi hassejt daqqa mill-vettura l-ohra li giet minn Creche Street. Ma rajthiex hlief meta giet fuqi. Jiena rriversjat u tlaqt fejn kont sejjer u cioe` ghand kugina tieghi biex incempel tabib.*";

Illi l-Qorti tirrileva illi f'din il-kawza oltre ix-xhieda tal-kontendenti tressqu wkoll tlieta minn nies illi fi kliem l-attrici saret tafhom biss wara l-incident u dawn spjegaw b'certu dettal

kif grat il-habta; dan seta' jaghmluh anke peress illi huma kienu proprju fic-centru ta' Dingli Circus u kienu waqfu proprju biex ihallu liz-zewg karozzi l-ohra jimmanuvraw regolarment, ghalhekk kienu f'posizzjoni li jaraw kollox b'certa kalma u distakk. Joseph Jones spjega kif il-karozza "*J-9109 li min-naha tax-xellug tieghi ghaddiet lejn il-lemin tieghi u baqghet diehla fuq il-bieba tal-lemin tal-vettura l-ohra Citroen Visa targata N 9217 li kienet wieqfa go Dingli Circus. Il-Honda minkejja il-habta baqghet issuq, kaxkret il-mudguard tal-lemin ta' quddiem tas-Citroen u baqghet sejra ghal Dingli Street.*";

Illi l-Qorti taqbel ma' l-abbli relatur illi l-verzjoni moghtija mill-attrici u mix-xhieda taghha hija ferm aktar verosimili minn dik tal-konvenut li anqas kien car dwar ic-cirkostanzi tas-sahha tal-mara tieghu; il-konvenut lill-Pulizija ddikjara li l-mara tieghu Maria Bianco ta' 78 sena "*waqt li kienet mieghu fil-vettura, qabel ma' sehh l-incident, taha stroke u ried jehodha malarj l-Isptar San Luqa*". Irrizulta pero` illi ftit wara hassha ahjar u minflok l-Isptar mar jirraporta fl-Ghassa tal-Pulizija bl-incident u dan kien xi ghoxrin minuta biss wara li gara.

Illi l-isketch esebit ma jidhirx illi sar wisq dettaljat u ghalhekk il-Qorti tara illi x-xhieda li taw kemm l-attrici u kif ukoll ix-xhieda l-ohra illi raw l-incident minn gol-karozza taghhom hija ghal kollox veritiera u anki verosimili. Konsegwentement, il-Qorti taqbel ma' l-opinjoni

ta' l-espert nominat illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incidenti awtomobilistiku li gara fil-31 ta' Marzu 1996 bejn il-vetturi tal-kontendenti;

Konsegwentement, tilqa' wkoll it-Tieni u t-Tielet Domandi, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm420.40) ghad-danni sofferti mill-istess attrici.

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jibqghu a karigu tal-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni odjerna lill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur